# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru tmienja u sebgħin (78) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-18 ta' Lulju 2011 fis-6:46pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻATI: | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Maria Mallia | Kunsillier |

1. **Is-sindku ppresjeda** l-laqgħa u qal it-talba.

2. Kienu **skużati l-kunsillieri** li jidhru hawn fuq billi avżaw permezz ta' *e-mail* illi ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

3. Kienu **approvati l-minuti** tal-laqgħa preċedenti mingħajr ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

4. Is-sindku semma **l-artikli tal-fuljett** tal-ħarġa li jmiss. Hu qal illi l-KLM be ħsiebu jagħmel *flyer* li jitqassam fil-fuljett fejn juri kif se taħdem ir-rotta alternattiva tat-traffiku fil-Festa ta' Santa Marija, inkluż ir-**rotta tat-trasport pubbliku** mħaddma mill-kumpanija *Arriva*. Hawn sar aċċenn għal-**laqgħa** li nżammet propju llum fl-uffiċċju ta' ***Transport Malta*** fil-preżenza tas-Sinjuri Domenic Vella u Andrew Haig fejn intlaħaq ftehim illi sa lejlet il-festa, propju sat-03:00pm tkun imħaddma r-rotta tat-trasport pubbliku normali iżda wara t-03:00pm, it-trasport pubbliku li jkun ġej minn naħa tal-Qrendi, jdawwar u jmur lura fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti u joħroġ minn Triq iż-Żurrieq, Qrendi. It-trasport pubbliku li jkun ġej minn naħa tal-ajruport ser jgħaddi minn fejn jgħaddu l-vetturi privati lejn il-Qrendi. Jiġifieri wara t-03:00pm, dawn se jgħaddu skond ir-rotta temporanja mħaddma għal dawn l-aħħar snin fil-festi. Dan kollu japplika wkoll għal nhar il-festa fejn il-ħin se jinbidel mit-03:00pm għall-05:00pm.

5. Is-sindku semma wkoll l-attività li se tkun organizzata fil-31 ta' Lulju 2011 bil-parteċipazzjoni ta' ***DogTrust Malta,*** fil-Pjazza tal-Knisja. F'din l-attività se jkun offrut pakkett sħiħ, fosthom it-tiswija (*neutering*) ta' klieb. Din l-aġenzija diġà stampat *poster* li se jitqassam lil kull familja, biex l-offerta tkun aktar formali u għal kulħadd u minnha jibbenefikaw kemm jistgħu persuni. Fl-istess ħin dan il-*flyer* iservi ta' promozzjoni. Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat illi joħroġ *cheque* fuq *Maltapost plc* skond kemm għandhom fid-*database* tagħhom, familji reġistrati fl-Imqabba u l-piż tal-*flyer,* biex it-tqassim tiegħu, isir minnhom.

6. Saret referenza għall-**istqarrija** li nħarġet mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba fejn kien kritikat is-servizz tat-trasport pubbliku mill-**kumpanija *Arriva***. F'din l-istqarrija pubblika kien kritikat il-mod li *commuters* kienu mħallija jistennew għal siegħat twal fix-xemx karga fuq il-*bus stops*. Il-konsegwenza ta' dan kollu kienet illi kull min juża s-servizz, mar tard għax-xogħol jew għal kwalunkwe appuntament ieħor, fosthom dawk mediċi. Is-sindku rrimarka illi bħala riżultat ta' din l-istqarrija jidher li naqas il-ħin ta' stennija minn fuq il-*bus stops* filwaqt li l-Kunsillier Paul Spiteri qal li matul il-jiem li għaddew m'għaddietx ġurnata illi hu m'għabbiex diversi persuni li tħassarhom għaliex kienu ilhom jistennew numru ta' siegħat biex mir-raħal ħadhom fuq l-*interchange* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta biex komplew jaqbdu it-trasport minn hemm għall-vjagg tagħhom f'diversi destinazzjonijiet oħra madwar Malta.

7. Is-Segretarju Eżekuttiv kien awtorizzat mill-kunsillieri preżenti sabiex jordna l-***mobile toilets*** fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fil-festa tar-raħal, kif ukoll servizzi oħra bħal dak ta' **ambulanza**, numru ta' **gwardjani lokali,** jiġu estiżi l-ħinijiet tal-ftuħ tal-**latrina pubblika**, jinxtara ***token*** għall-istess każin tal-banda u jitpoġġew il-**fjuri** quddiem l-istatwa, fil-knisja.

8. Bħala preparazzjoni għall-attività kulturali ta' Ottubru, bl-isem **"L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien"** kien diskuss l-armar ta' *scaffolding* fil-Pjazza tal-Knisja biex miegħu tiġi mdendla xena tal-pjazza fl-antik qabel ma kienet infetħet Triq Karmenu Ciantar. Bi preparazzjoni wkoll għal din l-attività kien diskuss l-andament tal-kompetizzjoni li se ssir għall-ewwel darba fl-istess pjazza fejn gruppi ta' żewġ persuni minn fost sidien tal-barrieri jew bennejja, li se jiġu avviċinati fil-futur, se jkunu qed jikkompetu dwar min minnhom irambal kantun bl-aktar ħeffa għal fuq il-*conveyor belt* biex dan imbgħad jiġi ppustjat fit-trakk fl-inqas ħin. Dwar din il-kompetizzjoni, id-deputat sindku qal li se jkollna bżonn trakk tajjeb li ma jdaħħanx kif ukoll ġeneratur *single phase*. Issemmew in-nies b'isimhom (li minħabba privatezza mhux se jkunu msemmija f'dawn il-minuti) li huma maħsuba li se jkunu qed jagħtu kontribut f'din l-attività kulturali annwali li hu maħsub li se tattira ħafna nies.

9. Is-sindku informa lill-kunsillieri preżenti illi issa beda l-**kors** fid-dixxiplina tal-***karate*** mis-Sur Brian Agius u dak tal-***computer*** mis-Sur Keith Aquilina, filwaqt illi qed jinkitbu biex ikun hemm kors/ijiet fl-*arti* minn Ms Maria Tonna.

10. Wara li ltaqgħu separatament is-sindku u s-segretarju eżekuttiv ma' rappreżentanti tal-***GO plc***, minħabba l-problema li kien se joħloq il-***cabinet*** addizzjonali fi Triq il-Madonna tal-Ġilju kantuniera mal-Pjazza tal-Knisja għar-residenta li tgħix f'dan il-fond, intlaħaq ftehim. Dan sar wara li l-istess segretarju eżekuttiv kien ippropona lis-Sur Felix Borg sabiex dan il-*cabinet* ikun trasferit għan-naħa l-oħra, jiġifieri mal-ħajt taz-zuntier għaliex din ir-residenta għandha l-intenzjoni illi fiż-żmien li ġej tiftaħ bieb fl-istess sit fejn dawn qabdu u ħaffru ħofra fuq il-bankina mingħajr kemm il-kunsens tagħha u lanqas dak tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba biex iwaħħlu dan il-*cabinet* fuqha. Biex seta' jsir il-*cabinet* mal-ħajt taz-zuntier, sfortunatament kellu jinqala' *litter bin* minn fuq il-post li se naraw fejn nistgħu nutilizzawh aktar 'il quddiem, filwaqt li s-sindku avviċina lill-Kappillan tal-Knisja qabel ma twaħħal fil-post b'mod mgħaġġel ħafna għaliex kien se jagħlaq il-permess tat-tħaffir. Dan se jwassal biex issir trinka li taqsam il-pjazza.

11. Dwar il-ħ**sarat tal-ilma**, tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI), intqal illi ssewwiet il-ħsara minn Triq Ħal Kirkop viċin Ġnien Tfal ir-Raħal u hemm *leakage* ieħor fl-istess triq viċin Triq il-Murselli kif ukoll ieħor fi Triq San Bażilju. Il-KLM jinnota li ssewwiet il-ħsara ta' Triq il-Mitħna peress li f'dan is-sit kien hemm *service* li kien magħluq minn post u ma kienx maqtugħ minn fuq il-mejn. Għall-ħsarat ta' żewġ *services* inixxu l-ilma fi Triq Valletta, viċin il-btieħi ta' sidien ta' *garages*/impjanti industrijali, intqal illi dawn ilhom bil-ħsara għal ġimgħat sħaħ, saħansitra fi triq arterja mingħajr ħadd mill-KSI ma jagħti każ. Dan minkejja li kemm-il darba kienu irrappurtati.

12. Is-sindku informa lill-kunsillieri preżenti illi għada 19 ta' Lulju, 2011 il-kuntrattur *Asfaltar Ltd* se jkompli l-proġett ta' asfaltar ta' toroq skond kif ftiehem miegħu. Dawn ix-xogħlijiet peress li huma parti minn **proġett pilota,** qed ikun moniterjati b'mod kontinwu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-KLM kien infurmat illi l-kuntrattur se jaqbad l-isqaqien ta' Triq il-Parroċċa u imbgħad wara l-festa naqbdu Triq il-Fjuri li wkoll tiżbokka fl-istess Triq il-Parroċċa.

13. Il-kunsillieri iddeċidew illi l-**kwotazzjonijiet** tar-*road signs*, kif ukoll dik ta' provista ta' *road marking paint*, li nfetħet qabel il-laqgħa preċedenti tal-KLM, jingħataw lill-kuntrattur *B Grima & Sons Ltd*. Ma kienux decizi il-kwotazzjonijiet Q7 tal-*Electrical Changeover*, Q8 tal-*ICT Changeover*, kif ukoll dak ta' xiri ta' *File Server* fl-Uffiċini Muniċipali għaliex kien hemm qbil

illi l-Enġinier Albert Ellul jagħti parir dwar l-ispeċifikazzjonijiet li tefgħu l-*bidders* f'dawn il-kwotazzjonijiet.

14. Peress li magħna llejla kellna neqsin żewġ kunsillieri, l-kunsillieri preżenti ma ħassewx li jkun ġust illi jiddiskutu r-***regolamenti* u l-kriterji** li bihom wieħed se jiddetermina lil min se jingħata l-premju **"Ġieħ l-Imqabba 2011".** Infatti kien hemm qbil illi l-aħjar inħallu dan l-eżerċizzju għal-laqgħa li jmiss, dik tat-2 ta' Awwissu, 2011. Hawn is-sindku qal li xtaq illi l-laqgħa li jkun imiss, issir nhar it-30 ta' Awwissu u mhux fit-23 tax-xahar għaliex hu se jkun indispost. Dwar dan ukoll kien hemm qbil unanimu.

15. Fuq proposta tas-sindku, il-KLM iddeċieda illi l-avviż tal-għeluq tan-**nomini tal-premju Ġieh l-Imqabba** jagħlaq fit-13 ta' Settembru, 2011 f'nofs in-nhar. Is-sindku qal li dak in-nhar stess ikollna l-laqgħa fil-għaxija u l-KLM ikun jista' jaġġudika n-nomini li jkunu daħlu.

16. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 418.

**F'punti oħra:**

17. Ġiet diskussa d-diffikultà li għandha l-Librara Ms Nathalie Azzopardi dwar il-ħ**lasijiet tal-bolla** tagħha wara li d-Dipartiment tal-Libreriji qed jirrifjuta li jħallasha hu stess, kuntrarju għal dak li sar bit-taxxa tagħha fl-2010 fejn diġà ħarġilha *FS3*, u hija qed titlob lill-KLM sabiex iħallasielha. Dwar dan il-każ kien deċiż illi jintalab parir mingħand l-*accountant* tagħna.

18. Is-sindku ressaq għall-approvazzjoni kopja tal-*poster* miltub mill-*Paying Agency* li turi *ACB Architects* fuqu, biex isir *billboard* kbir kemm fiċ-ċentru tal-lokal kif ukoll li se jitwaħħal fuq il-Mentna, li ħadem fuqu l-Perit Anthony Bezzina. Hu ppropona illi l-KLM japprova l-verżjoni li ta lis-segretarju eżekuttiv bid-differenza illi fuqu jkun hemm il-kelmiet "Proġett tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba ffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja". Dwar dan Paul Spiteri saħaq illi jkun hemm speċifikament il-kelmiet 'Kunsill Lokali tal-Imqabba' biex il-qarrej ikun gwidat min hu sid-il progett.

19. Wara t-talba li kienet saret lil *Transport Malta*, mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba, issa ġejna ggwidati aħjar bil-proposti ***parking bays*** li l-KLM jixtieq li jimmarka fit-triq biż-żebgħa. Dan se jsir fi Triq Santa Marija, Triq iċ-Ċavi u Triq San Innoċenzju, Triq il-Kileb u Triq Ġiacomo Tortella.

20. Is-sindku ppropona illi **tinbidel il-parti tal-bankina** miksura kollha bejn il-Każin ta' Santa Marija u l-ħanut tal-laħam. Issemmew diversi għadajjar madwar il-Knisja Parrokkjali fosthom dik ta' ħdejn il-ħanut tal-pastizzi fi Triq San Bażilju. Dwar dan il-post intqal illi jkun għaqli li jsir *gutter* biex l-ilma tax-xita jgħaddi minn taħt it-triq għall-Pjazza tal-Knisja u jispiċċa f'waħda mill-ġwiebi /ħażniet tal-ilma li hemm imqattgħin fil-blat taħt it-triq.

21. Is-sindku ppropona wkoll illi titpoġġa ***sleeping policeman* fi Triq il-Karmnu**. Hu qal li din hija triq li llum saret perikoluża speċjalment fil-ħin li t-tfal ikunu deħlin /ħerġin fl-/mill-iskola. Dwar din il-proposta l-kunsillieri preżenti qablu illi qabel ma ssir xi talba għaliha ma' *Transport Malta*, għandna nistaqsu lir-residenti jekk jixtiquhiex jew le, peress li l-ħsejjes ta' vetturi jaqbżuha fi triq daqstant dejqa, jistgħu joħolqu problema għalihom.

22. Il-laqgħa ntemmet fit-8:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*2/8 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |